



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 49/25

Il-Lussemburgu, 10 ta' April 2025

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawżi magħquda C-758/24 | [Alace] u C-759/24 | [Canpelli] ¹

Protezzjoni internazzjonali: skont l-Avukat Ġenerali Richard de la Tour, Stat Membru jista' jindika pajjiż ta' oriġini bla perikolu permezz ta' att leġiżlattiv u għandu jiżvela, għall-finijiet ta' sħarriġ ġudizzjarju, is-sorsi ta' informazzjoni li fuqhom hija bbażata din l-indikazzjoni

Dan l-Istat Membru jista' wkoll, taħt ċerti kundizzjonijiet, jagħti lil pajjiż terz l-istatus ta' pajjiż ta' oriġini bla perikolu, filwaqt li jidentifika kategoriji limitati ta' persuni li jistgħu jkunu esposti għal riskju ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju f'dan il-pajjiż terz

Konformement mad-Direttiva 2013/32 ², l-Istati Membri jistgħu jħaffu l-eżami tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u jistgħu jwettqu dan l-eżami fil-fruntiera meta dawn l-applikazzjonijiet joriġinaw minn ċittadini ta' pajjiżi kkunsidrati bħala li joffru protezzjoni suffiċjenti. Fl-Italja, l-indikazzjoni ta' dawn il-pajjiżi terzi bħala pajjiżi ta' oriġini bla perikolu ssir permezz ta' att leġiżlattiv tal-2024.

Huwa f'dan il-kuntest li żewġ ċittadini tal-Bangladesx, ittrasferiti f'ċentru ta' detenzjoni fl-Albanija skont il-Protokoll Italja-Albanija ³, ippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. It-talba tagħhom ġiet eżaminata skont il-proċedura mħaffa fil-fruntiera mill-awtoritajiet Taljani, li ċaħduha bħala infondata, peress li l-pajjiż ta' oriġini tagħhom kien ikkunsidrat bħala bla perikolu.

L-applikanti kkontestaw id-deċiżjoni ta' ċaħda quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Ruma, li rrikorriet għall-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċċara l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini bla perikolu u l-obbligi tal-Istati Membri fil-qasam ta' sħarriġ ġudizzjarju effettiv. Il-qorti tar-rinviju ssostni li, kuntrarjament għas-sistema preċedenti, l-att leġiżlattiv tal-2024 ma jispeċifikax is-sorsi ta' informazzjoni li fuqhom il-leġiżlatur Taljan ibbaża ruħu sabiex jevalwa s-sigurtà tal-pajjiż. Għaldaqstant, kemm l-applikant kif ukoll l-awtorità ġudizzjarja jkunu mċaħħda mill-possibbiltà rispettivament li jikkontestaw u li jistħarrġu l-legalità ta' tali preżunzjoni ta' sigurtà, billi jeżaminaw b'mod partikolari l-oriġini, l-awtorità, l-affidabbiltà, ir-rilevanza, l-attwalità u l-kompletezza ta' dawn is-sorsi.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-lum, l-Avukat Ġenerali Jean Richard de la Tour jikkonferma **li Stat Membru jista' jindika pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini bla perikolu permezz ta' att leġiżlattiv. Madankollu, il-qorti nazzjonali mitluba teżamina rikors kontra ċ-ċaħda ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandu jkollha, fil-kuntest tal-eżami tal-legalità ta' dan l-att, is-sorsi ta' informazzjoni li servew bħala bażi għal din l-indikazzjoni.** Fil-fatt, is-sempliċi fatt li pajjiż terz ikun indikat bħala pajjiż ta' oriġini bla perikolu permezz ta' att leġiżlattiv ma jistax ikollu l-konsegwenza li jeżentah minn sħarriġ tal-legalità mingħajr ma d-Direttiva tiċċaħħad minn kull effett utli. L-att leġiżlattiv jimplimenta d-dritt tal-Unjoni u għandu jiżgura l-osservanza tal-garanziji materjali u proċedurali rrikonoxxuti lill-applikanti għal protezzjoni internazzjonali mid-dritt tal-Unjoni.

Fl-assenza ta' żvelar ta' dawn is-sorsi ta' informazzjoni mil-leġiżlatur, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tistħarreġ il-legalità ta' tali indikazzjoni abbażi ta' sorsi ta' informazzjoni li hija stess tkun ġabret fost dawk iċċitati fid-Direttiva.

Fir-rigward tal-possibbiltà li pajjiż terz jiġi indikat bħala pajjiż ta' oriġini bla perikolu meta dan ma jkunx bla perikolu

għal ċerti kategoriji ta' persuni, l-Avukat Ġenerali Richard de la Tour jikkunsidra li **d-Direttiva ma tipprekludix li Stat Membru jattribwixxi lil pajjiż terz l-istatus ta' pajjiż ta' oriġini bla perikolu, filwaqt li jidentifika kategoriji limitati ta' persuni li jistgħu jkunu esposti għal riskju ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju f'dan il-pajjiż**. Dan huwa possibbli biss jekk, minn naħa, is-sitwazzjoni legali u politika ta' dan il-pajjiż tikkarakterizza **sistema demokratika** li tiggarantixxi lill-popolazzjoni b'mod ġenerali protezzjoni fit-tul kontra tali riskji u, min-naħa l-oħra, l-Istat Membru kkonċernat jeskludi espressament dawn il-kategoriji ta' persuni mill-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini bla perikolu u tal-preżunzjoni ta' sigurtà assoċjata miegħu.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ L-ismijiet tal-kawża preżenti huma ismijiet fittizji. Ma jikkorrispondux mal-ismijiet reali ta' xi waħda mill-partijiet fil-proċedimenti.

² [Direttiva 2013/32/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali.

³ Il-protokoll bejn l-Italja u l-Albanija, konkluż f'Ruma fis-6 ta' Novembru 2023 u rratifikat bil-Liġi Nru 14 tal-21 ta' Frar 2024, jistabbilixxi ċentru ta' detenzjoni u ta' ripatrijazzjoni fit-territorju Albaniż, iżda taħt ġurisdizzjoni Taljana. Dan iċ-ċentru huwa maħsub għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali u jippermetti l-applikazzjoni ta' proċedura mħaffa mal-fruntiera, applikabbli għaċ-ċittadini ta' pajjiżi kkunsidrati bħala bla perikolu.